**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA**

**LAQGĦA NRU 17**

**It-Tnejn, 12 ta' Jannar 2026**

Il-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-10.06 a.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Ramona Attard (Membru Sostitut – Każ K/075), l-Onor. Mark Anthony Sammut u l-Onor. Joe Giglio.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-laqgħa 16 tas-7 ta' Settembru 2025 kienu approvati.

**DOKUMENTI**

Għall-fini ta' rekords l-Ispeaker informa lill-Kumitat illi huwa kien għadda lill-Membri:

Dok. 46 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/065 dwar ilment dwar *allegazzjoni ta' Konflitt ta' interess potenzjali fl-użu ta' propjetà u bastimenti għal tieġ,* datat 3 ta' Ottubru 2025; u

Dok. 47 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/066 dwar ilment dwar *allegazzjoni ta' Ħruġ ta' regolamenti li jippermettu tiġijiet isiru fil-Foss taċ-Ċittadella, Għawdex, sabiex jakkomodaw persuna partikolari,* datat 18 ta' Diċembru 2025.

**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI MILL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA (KAŻ K/075)**

L-Ispeaker għamel referenza għar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar il-każ K/075 li huwa kien irċieva mill-istess Kummissarju u li kien għadda mill-ewwel lill-membri tal-Kumitat.

Il-Kumitat qabel li r-rapport bir-referenza K/075 għandu jsir pubbliku.

| | |
|---|---|
| Dok. 48 | Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/075 dwar ilment dwar *Użu ta' riżorsi pubbliċi għall-finijiet ta' pubbliċità personali,* datat 10 ta' Diċembru 2025 |

Il-Kumitat qabel li l-Kummissarju għal-Istandards fil-Ħajja Pubblika għandu jkun mistieden sabiex jippreżenta r-rapport tiegħu lill-Kumitat. Il-Kumitat qabel li r-rapport bir-referenza K/082 jkun trattat fl-istess laqgħa.

**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI MILL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA (KAŻ K/069) – KONT.**

Il-Kumitat kompla l-konsiderazzjoni tiegħu mil-laqgħa tat-30 ta' Mejju 2025 tar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/069 datat 24 ta' Marzu 2025 dwar *Użu ta' riżorsi pubbliċi għall-finijiet ta' pubbliċità personali*, f'liema laqgħa l-Kumitat kien qabel dwar il-pubblikazzjoni tal-imsemmi rapport.

Fl-10.13 a.m. l-Ispeaker għadda biex iqiegħed il-mistoqsija dwar l-addozzjoni tar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar il-każ K/069. Il-Membri vvutaw kif ġej:

**Votazzjoni Nru 9**

| **Favur** | **Kontra** |
|---|---|
| Onor. Joe Giglio | Onor. Jonathan Attard |
| Onor. Mark Anthony Sammut | Onor. Andy Ellul |

Peress illi l-voti fil-Kumitat kienu ndaqs, skont Artiklu 26 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, l-Ispeaker informa lill-Membri illi kien ser jagħti l-vot tiegħu. L-Ispeaker immotiva d-deċiżjoni tiegħu kontra l-addozzjoni tar-rapport.

L-Ispeaker iddikjara r-rapport dwar il-Każ K/069 mhux addottat.

**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI MILL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA (KAŻ K/067) – KONT.**

Il-Kumitat kompla l-konsiderazzjoni tiegħu mil-laqgħa tat-30 ta' Mejju 2025 tar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/067 datat 11 ta' April 2025 dwar *Użu ta' riżorsi pubbliċi għall-finijiet ta' pubbliċità personali*, f'liema laqgħa l-Kumitat kien qabel dwar il-pubblikazzjoni tal-imsemmi rapport.

Fl-10.16 a.m. l-Ispeaker għadda biex iqiegħed il-mistoqsija dwar l-addozzjoni tar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar il-każ K/067. Il-Membri vvutaw kif ġej:

**Votazzjoni Nru 10**

| **Favur** | **Kontra** |
|---|---|
| Onor. Joe Giglio | Onor. Jonathan Attard |
| Onor. Mark Anthony Sammut | Onor. Andy Ellul |

Peress illi l-voti fil-Kumitat kienu ndaqs, skont Artiklu 26 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, l-Ispeaker informa lill-Membri illi kien ser jagħti l-vot tiegħu. L-Ispeaker immotiva d-deċiżjoni tiegħu kontra l-addozzjoni tar-rapport.

L-Ispeaker iddikjara r-rapport dwar il-Każ K/067 mhux addottat.

**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI MILL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA (KAŻ K/072) – KONT.**

Il-Kumitat kompla l-konsiderazzjoni tiegħu mil-laqgħa tat-30 ta' Mejju 2025 tar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/072 datat 21 ta' April 2025 dwar *Għemil ta' dikjarazzjonijiet mhux veritieri dwar il-konċessjoni tal-Forti Chambray*, f'liema laqgħa l-Kumitat kien qabel dwar il-pubblikazzjoni tal-imsemmi rapport.

Fl-10.26 a.m. l-Ispeaker għadda biex iqiegħed il-mistoqsija dwar l-addozzjoni tar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar il-każ K/072. Il-Membri vvutaw kif ġej:

**Votazzjoni Nru 11**

| **Favur** | **Kontra** |
|---|---|
| Onor. Jonathan Attard | Onor. Joe Giglio |
| Onor. Andy Ellul | Onor. Mark Anthony Sammut |

Peress illi l-voti fil-Kumitat kienu ndaqs, skont Artiklu 26 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, l-Ispeaker informa lill-Membri illi kien ser jagħti l-vot tiegħu. L-Ispeaker immotiva d-deċiżjoni tiegħu kontra l-addozzjoni tar-rapport.

L-Ispeaker iddikjara r-rapport dwar il-Każ K/072 mhux addottat.

Fil-11.40 p.m. il-Kumitat aġġorna għal data li tiġi komunikata aktar tard.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**